# L-Assedju l-Kbir 1565: materjal miġbur minn Stefan Borg



## A: Għala t-Torok Attakkaw lil Malta?

L-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem kien l-għadu kbir tat-Torok. Il-*flotta ta' l-Ordni dejjem kienet tattakka lix-xwieni tat-Torok fil-Mediterran*. Barra minn dan il-Kavallieri kemm-il darba kienu qawwiet oħra Nsara kontra t-Torok. Għalhekk is-Sultan Sulejman iddeċieda li jeqred darba għal dejjem lil din l-Ordni li tant tatu fastidju.

Malta kienet ukoll f'*qagħda strateġika* tajba ħafna f'nofs il-Mediterran. Minn hawn il-Kavallieri setgħu faċilment jikkmandaw it-*triqat tal-kummerċ* bejn il-Lvant u l-Punent. Jekk l-Ordni kellu jitlef lil Malta kien ser ikun veru diffiċli li jsib bażi oħra f'qagħda tajba fil-Mediterran.

Barra minn dan kien hemm il-*kwistjoni tar-reliġjon*. Malta kienet qiegħda sservi bħala tarka tar-Reliġjon Nisranija kontra l-Mislem. Dan minħabba l-fatt li jekk l-għadu Mislem jirbaħ lil Malta huwa jkun jista' jużaha bħala bażi minn fejn ikun jista' jattakka lil Sqallija u lill-Ewropa t;Isfel. Għalhekk kienet ħaġa ċara li t-Torok ser jippruvaw jirbħu lil Malta biex itejbu l-pożizzjoni tagħhom fil-Mediterran.




1. Kastell Sant Anglu (2) Birgu (3) Sant Jiermu (4) Isla (5) Forti San Mikiel

## B: Il-FORTIFIKAZZJONIJIET li kienu jeżistu waqt l-Assedju:

Id-difiża ta' Malta kienet ibbażata prinċipalment fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir. Dawn kienu l-Isla, li kienet imħarsa mill-Forti San Mikiel, il-Birgu li kien imħares mill-Forti Sant Anġlu u l-Forti Sant Jiermu li kien fit-tarf ta' l-Għolja Xiberras. La Valette ried jibbaża d-difiża ta' Malta fuq dan billi kien jaf li l-bliet ta' l-Imdina u ċ-Ċittadella f'Għawdex, minkejja li kienu mdawra bis-swar, kienu dgħajfa wisq billi kienu 'l bogħod mill-qalba tad-difiża ta' l-Ordni.

## C: **Żvantaġġi li kellhom dawn il-fortifikazzjonijiet**:

Id-difiża ta' Malta kienet tiddependi mill-Birgu u l-Isla li, madankollu, kellhom l-iżvantaġġ li kienu mdawrin b'għoljiet minn kull naħa. Anke Sant Jiermu li kien fit-tarf ta' l-għolja Xiberras kien fil-baxx wisq meta tqabblu ma' l-art għolja ta' madwaru.

## D: **X'Ġara fl-Assedju? Il-Punti Prinċipali**:

- Il-flotta Torka tħalliet fil-post ta' Marsamxett
- It-Torok għamlu l-kamp tagħhom il-Marsa
- It-Torok bdew l-attakk tagħhom fuq Sant Jiermu
- Wara huma attakkaw lill-Birgu u l-fortizza ta' San Mikiel
- Minkejja li rebħu lil Sant Jiermu, it-Torok ma setgħux jirbħu l-fortizzi l-oħra

- Fis-7 ta' Settembru, wara li ġriet l-aħbar li kienet waslet l-għajnuna minn barra, it-Torok qabdu x-xwieni tagħhom u telqu lura lejn pajjiżhom.

## E: **Kont taf li**:

- La Valette kien il-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann matul l-Assedju l-Kbir.
- Is-Sultan Tork Sulejman poġġa l-flotta Torka f'idejn Piali` waqt li t-truppi Torok kienu taħt il-ġeneral Mustapha.
- Qabel l-Assedju, il-bjar ta' l-ilma li kien hemm il-Marsa ġew avvelenati billi ntefgħu fihom ħxejjex mediċinali. B'hekk it-Torok ma setgħux ikollhom ilma għat-truppi tagħhom u batew ħafna s-sħana tas-sajf.
- La Valette kien ħeles ukoll ħafna mill-priġunieri biex dawn ikunu jistgħu jgħinu lill-Kavallieri fl-Assedju.
- Il-Forti Sant Jiermu ta l-ewwel sinjal tal-



It-Torok qed jattakkaw waqt battalja minnhom fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565

wasla tal-flotta Torka. Wara mess lill-Imdina u l-Kastell t'Għawdex li jagħmlu dan.

- Fil-jum li dehret il-flotta Torka, is-sagrament ġie espost fil-knejjes kollha tal-gżira u sar talb speċjali għall-għajnuna ta' Alla.
- It-Torok rebħu lil Sant Jiermu lejlet il-festa tal-patrun ta' l-Ordni, San Ġwann.
- Waqt l-attakk fuq Sant Jiermu miet il-furban Tork, imsemmi Dragut.
- Matul l-attakk fuq Sant Jiermu mietu madwar 1500 nisrani u xi 8000 Tork.
- Malti li wera kuraġġ kbir matul l-Assedju kien Toni Bajada li ssogra ħajtu kemm-il darba biex iġib il-messaġġi bl-għawm minn Sant Jiermu.

- Wara l-Assedju il-Birgu beda jissejjaħ *Vittoriosa* jiġifieri Belt Rebbieħa, waqt li l-Isla ssejħet *Invicta* jiġifieri belt mhix mirbuħa.

**F**: **<u>Id-diffikultajiet li ħabbtu wiċċhom magħhom it-Torok</u>**:

*It-Torok kellhom ħafna iżjed suldati mill-Ordni ta' San Ġwann. Madankollu huma xorta spiċċaw telliefa. Għala ġara dan*?

1. Il-Kavallieri u l-Maltin kienu magħluqa ġewwa l-fortizzi li kienu mdawra b'ħitan għolja u li kienu ġew imsaħħa u armati mill-aħjar li setgħu. Għalhekk ma kienx faċli li t-Torok jaqbdu u jidħlu fihom.
2. Matul l-Assedju l-Maltin u l-Kavallieri taw sehemhom bi qlubija u għaqda kbira. Din id-determinazzjoni ta' l-Insara għenet biex it-Torok jindunaw li kellhom biċċa xogħol diffiċli quddiemhom u b'hekk il-moral tagħhom beda jonqos.
3. It-Torok kellhom tellieqa kontra ż-żmien għax huma riedu jirbħu lil Malta qabel ma jibda l-maltemp tax-xitwa li seta' jagħmilha



**Mustafa` Paxa`** kien il-kmandant tat-truppi Torok fuq l-art.

**Piali` Paxa`** kien il-kmandant tax-xwieni Torok.

diffiċli għax-xwieni tagħhom li jbaħħru fil-Mediterran. Barra minn dan, it-Torok kienu qegħdin jibżgħu li tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Nsara. Għalhekk ma' kull jum li kien jgħaddi t-Torok kienu qegħdin jaqtgħu qalbhom iżjed.

4. Qabel ma ngħalqu fil-fortizzi l-Maltin u l-kavallieri qerdu dak kollu li ma setgħux idaħħlu magħhom. Għalhekk it-Torok sabuha bi tqila biex isibu x'jieklu u x'jixorbu. In-nuqqas ta' ilma fi żmien li tagħmel sħana kbira f'Malta żgur li kien żvantaġġ kbir għat-Torok li riedu jippruvaw jixxabbtu mas-swar.
5. Il-blat iebes ta' Malta kien jagħmilha kważi impossibbli għat-Torok li jużaw it-tattika tagħhom u jħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet. Fil-fatt il-mina tagħhom fil-Birgu lanqas irnexxiet. B'hekk is-swar kienu, fil-prattika, iżjed b'saħħithom milli kienu jidhru.
6. Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok fuq liema fortizzi għandhom jiġu attakkati l-ewwel. Dan in-nuqqas ta' ftehim żgura biex naqqas il-moral tat-Torok.
7. It-Torok kienu mbeżża' wkoll għax-xwieni tagħhom għax dawn kienu l-unika mezz li huma setgħu jużaw biex imorru lura lejn pajjiżhom. Il-flotta tagħhom dejjem kienet fil-periklu ta' xi maltempata qawwija li setgħet tqum.



Il-monument ta' l-ASSEDJU L-KBIR ta' l-1565. Nistgħu narawh quddiem il-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta

## G: **X'kienet tfisser din ir-rebħa**?

1. B'din ir-rebħa Malta saret it-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawna.
2. Il-prinċpijiet Insara fehmu Iżjed l-importanza ta' Malta u għenu ftit bi flus fil-bini tal-Belt Valletta li nbniet dritt wara.
3. Il-Kavallieri bdew jissejħu l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta u issa ntrabtu iżjed mill-qrib ma' pajjiżna. B'hekk il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta għamlet progress kbir.